V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10689 – OCP GROUP / KOCH INDUSTRIES / JORF FERTILIZER COMPANY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 145/12)

1. Fl-24 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— OCP S.A., ("OCP", il-Marokk),

— KAES Phosphate Holdings, LLC ("KAES", l-Istati Uniti tal-Amerka), proprjetà indiretta ta' Koch Ag & Energy Solutions, LLC ("KAES Parent", l-Istati Uniti tal-Amerka), u finalment ikkontrollata minn Koch Industries, Inc. ("KII", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Jorf Fertilizer Company III, S.A. ("JFC III", il-Marokk), sussidjarja proprjetà kollha kemm hi ta' OCP.

OCP u KAES jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' JFC III.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— OCP u s-sussidjarji tagħha huma produtturi, fornituri u distributuri globali ta' fertilizzanti fosfatiċi (inklużi DAP, MAP, TSP, NP, NPK u NPS). OCP hija attiva wkoll fl-estrazzjoni u l-bejgħ ta' blat fosfatiku, u l-konverżjoni tiegħu f'aċidu fosforiku, li kemm ibigħ kif ukoll jipproċessa biex jipproduċi fertilizzanti fosfatiċi.

— KAES hija sussidjarja indiretta ta' KAES Parent, li finalment hija kkontrollata minn KII, li tikkontrolla portafoll varjat ta' kumpaniji involuti fir-raffinar u s-sustanzi kimiċi, tagħmir u teknoloġiji għall-kontroll tal-proċessi u t-tniġġis, minerali, fertilizzanti, kummerċ u servizzi ta' komoditajiet, polimeri u fibri, ħġieġ, prodotti tal-foresti u tal-konsumatur, konnetturi elettroniċi, stampar u ppakkjar, softwer tal-intrapriża u investimenti. KII hija attiva fis-setturi tal-fertilizzanti u tal-kubrit permezz tal-KAES Parent.

— JFC III hija sussidjarja ta' OCP, li tħaddem unità ta' produzzjoni fl-impjant ta' produzzjoni Jorf Lasfar, fejn tipproduċi aċidu fosforiku u fertilizzanti fosfatiċi - DAP, MAP, NPK, NPS u NP.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10689 – OCP GROUP / KOCH INDUSTRIES / JORF FERTILIZER COMPANY

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.